



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Lulju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0170(COD)

10381/21
ADD 3

CONSOM 147
MI 520
COMPET 526
CODEC 1020
DIGIT 83
CYBER 196
CHIMIE 65
JAI 818

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 169 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2021) 169 final.

Mehmuż: SWD(2021) 169 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2021
SWD(2021) 169 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

{COM(2021) 346 final} - {SEC(2021) 280 final} - {SWD(2021) 168 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar Proposta biex tiġi riveduta d-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Din il-Valutazzjoni tal-Impatt issegwi l-Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti (GPSD), imwettqa b'mod parallel. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni juru li d-DSĠP hija strument validu u b'mod ġenerali ssodisfat l-oġġettivi tagħha, iżda għad hemm wisq prodotti mhux sikuri li jiċċirkolaw fis-suq tal-UE, u dan joħloq kundizzjonijiet mhux ekwi għan-negozji u kost importanti għas-soċjetà u l-konsumaturi. Dan id-detriment li jista' jiġi evitat għall-konsumaturi u s-soċjetà tal-UE minn korrimenti/imwiet ikkawżati minn prodotti mhux sikuri huwa stmat għal EUR 11,5 biljun fis-sena u d-detriment għall-konsumaturi abbażi tal-valur ta' prodotti mhux sikuri huwa stmat għal EUR 19,3 biljun. Il-problemi speċifiċi fid-DSĠP huma relatati ma' dawn li ġejjin: id-DSĠP ma tindirizzax b'mod suffiċjenti l-isfidi marbuta ma' teknoloġiji ġodda u mal-bejgħ online; is-sejħiet lura ta' prodotti mhux sikuri mill-konsumaturi mhumieks effettivi b'mod suffiċjenti, id-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq mhumieks kompletament effettivi u koerenti mar-regoli rilevanti għall-prodotti armonizzati; u r-regoli tas-sikurezza għall-prodotti li jixbhu l-ikel huma applikati b'mod inkonsistenti madwar l-UE. Il-fatturi ewlenin ta' dawk il-problemi huma l-fallimenti regolatorji u tas-suq, f'kuntest fejn il-bejgħ online u t-teknoloġiji l-ġodda qed jikbru b'mod qawwi. Dawn il-problemi huma mistennija li jiżdiedu maż-żmien, peress li l-bejgħ tal-prodotti għall-konsumatur se jkun aktar u aktar relatat mal-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.
X'għandu jinkiseb?
L-inizjattiva għandha l-għan li tikseb l-oġġettivi ġenerali li tiżgura l-protezzjoni tal-konsumaturi tal-UE minn prodotti mhux sikuri, filwaqt li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku b'mod partikolari kundizzjonijiet ekwi għan-negozji. L-oġġettivi speċifiċi huma li: (1) jiġi żgurat li l-qafas legali tal-UE jipprevedi regoli ta' sikurezza ġenerali għall-prodotti kollha għall-konsumatur u r-riskji għas-sikurezza, inklużi dawk marbuta ma' teknoloġiji ġodda; (2) li jiġu indirizzati l-isfidi tas-sikurezza tal-prodotti fil-mezzi tal-bejgħ online; (3) li s-sejħiet lura tal-prodotti jsiru aktar effettivi u effiċjenti biex il-prodotti mhux sikuri jinżammu 'l bogħod mill-konsumaturi; (4) li tissaħħaħ is-sorveljanza tas-suq u li jiġi żgurat allinjament aħjar tar-regoli għal prodotti għall-konsumatur armonizzati u mhux armonizzati u (5) li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sikurezza relatati ma' prodotti li jixbhu l-ikel.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Is-sikurezza tal-prodotti hija kompetenza kondiviża bejn l-Istati Membri u l-UE. Il-problemi identifikati huma mifruxa u għandhom l-istess kawżi madwar l-UE. L-oġġettiv tas-sikurezza tal-prodotti ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom, minħabba l-ħtieġa għal livell għoli ħafna ta' kooperazzjoni, interazzjoni u azzjoni koerenti tal-awtoritajiet kollha tas-sorveljanza tas-suq madwar l-UE biex jiġi żgurat l-istess livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi kollha tal-UE u biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku fejn il-prodotti jiċċirkolaw liberament. In-nuqqas ta' azzjoni mill-UE jżid ukoll b'mod sinifikanti l-kostijiet tas-sorveljanza tas-suq għall-Istati Membri u l-kostijiet amministrattivi għan-negozji.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-oġġettivi? Hemm għażla ppreferuta? Jekk le, għaliex?
Lil hinn mix-xenarju bażi, ġew identifikati l-għażliet ta' politika li ġejjin biex jiġu indirizzati l-oġġettivi: Għażla 1: Implimentazzjoni u infurzar imtejba tal-qafas legali eżistenti, prinċipalment permezz ta' aktar gwida u promozzjoni tal-għodod attwali iżda mingħajr reviżjoni legali tad-DSĠP (id-Direttiva dwar il-

Prodotti li Jixbhu l-Ikel biss tiġi riveduta);

Għażla 2: **Reviżjoni mmirata** tad-DSĠP, bħala Direttiva jew Regolament, li tindirizza l-kopertura ta' riskji ġodda marbuta ma' teknoloġiji ġodda, tagħmel diversi dispożizzjonijiet ispirati mid-dispożizzjonijiet tal-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodott legalment vinkolanti, tintroduċi rekwiżiti obligatorji għas-sejħiet lura tal-prodotti, tallinja mar-regoli tas-sorveljanza tas-suq għal prodotti armonizzati u tintegra regoli għall-prodotti li jixbhu l-ikel fid-DSĠP.

Għażla 3: **Reviżjoni sħiħa** tad-DSĠP fil-forma ta' Regolament li jipprevedi, lil hinn mill-Għażla 2, kjarifikazzjoni tar-regoli tas-sikurezza marbuta mas-software, obbligi addizzjonali relatati mal-bejgħ online u s-sejħiet lura tal-prodotti, setgħat ta' infurzar aktar b'saħħithom għall-Istati Membri, stabbiliment ta' mekkaniżmu ta' arbitraġġ għat-tilwim bejniethom b'rabta mal-valutazzjonijiet tar-riskju diverġenti u titjib tat-traċċabbiltà tal-prodotti.

Għażla 4: **Integrazzjoni tal-istrumenti legali dwar is-sorveljanza tas-suq**, lil hinn mid-dispożizzjonijiet skont l-Għażla 3.

Id-dispożizzjonijiet sostantivi tad-Direttiva dwar il-Prodotti li Jixbhu l-Ikel tqiesu li ġew riveduti skont l-għażliet kollha 1 sa 4 b'żewġ subgħażliet possibbli: (a) projbizzjoni sħiħa tal-prodotti li jixbhu l-ikel *per se* u (b) applikazzjoni tal-approċċ tal-valutazzjoni tar-riskju għal din il-kategorija ta' prodotti.

L-għażla ppreferuta hija l-Għażla 3 bis-subgħażla (b) għall-prodotti li jixbhu l-ikel.

X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Min jappoġġa liema għażla?

Matul il-konsultazzjoni miftuħa dwar il-Pjan Direzzjonali/Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu tal-GPSD, il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati appoġġaw ir-reviżjoni legali tad-DSĠP, kważi nofshom huma favur ir-reviżjoni sħiħa (Għażliet 3 + 4). Fil-konsultazzjoni pubblika miftuħa, kif ukoll f'attivitajiet oħra ta' konsultazzjoni, il-partijiet ikkonċernati pprovdew appoġġ ċar għal miżuri speċifiċi skont l-Għażla 3. **L-organizzazzjonijiet tal-konsumatur** huma b'mod ġenerali favur l-Għażla 4. **L-Istati Membri** qed jappoġġaw l-aktar l-Għażla 3. In-**negozzji** jenfasizzaw il-ħtieġa għal definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet, iċ-ċertezza legali u l-kundizzjonijiet ekwi u għalhekk jidhru li jiffavorixxu reviżjoni legali tad-DSĠP (Għażliet 2 u 3).

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-Għażla 3 hija mistennija li twassal għal benefiċċji kbar għall-konsumaturi u s-soċjetà. **Illum**, id-detriment għall-konsumatur huwa stmat li huwa **madwar EUR 19,3 biljun**, abbażi tal-valur ta' prodotti mhux sikuri. Dan għandu jonqos b'madwar **EUR 1,0 biljun fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-għażla ppreferuta** u b'madwar **EUR 5,5 biljun matul id-deċennju li jmiss**. L-Għażla 3 għandha tnaqqas ukoll id-detriment għall-konsumatur relatat ma' sejħiet lura mhux effettivi b'aktar minn EUR 400 miljun fis-sena. Barra minn hekk, id-detriment attwali mġarrab mill-konsumaturi u s-soċjetà tal-UE minħabba **inċidenti relatati mal-prodott li jistgħu jiġu evitati huwa stmat għal EUR 11,5 biljun kull sena**. Il-**kost kurrenti tal-kura tas-saħħa** għal korrimenti relatati mal-prodotti fl-UE huwa madwar **EUR 6,7 biljun fis-sena** (il-kura fl-isptar tammonta għal madwar EUR 6,1 biljun). Dawn il-kostijiet għandhom jitnaqqsu wkoll permezz ta' miżuri skont l-Għażla 3 li jirriżultaw f'għadd aktar baxx ta' prodotti mhux sikuri (dan l-impatt ma setax jiġi kkwantifikat minħabba nuqqas ta' *data* dwar il-korrimient biex jiġu stmati x-xejriet). L-**iffrankar stmat tal-kostijiet** ikkawżat mit-**tnaqqis fid-differenzi fl-implimentazzjoni nazzjonali u l-frammentazzjoni legali** huwa stmat li jammonta għal **EUR 59 miljun fis-sena għan-negozzji** u għal **EUR 0,7 miljun fis-sena għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq**. Għadd imnaqqas ta' prodotti mhux sikuri, inklużi dawk li fihom sustanzi kimiċi perikolużi, ikollu wkoll impatti ambjentali pożittivi.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-kostijiet totali għan-negozji fl-EU27 fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Għażla 3 huma stmati għal **EUR 196,6 miljun** (kostijiet ta' darba u rikorrenti), ekwivalenti għal **0,02 % tal-fatturat tal-kumpaniji tal-UE** għall-manifattura, il-bejgħ bl-ingrossa u l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mhux armonizzati. Fis-snin ta' wara, il-kostijiet rikorrenti jammontaw għal **EUR 177,8 miljun għan-negozji tal-UE**. Dawn il-kostijiet huma marbuta maż-żieda fl-obbligi għan-negozji prinċipalment għall-bejgħ online, il-bejgħ ta' prodotti teknoloġiċi ġodda u s-sejthiet lura ta' prodotti mhux sikuri, u mal-allinjament tar-regoli tas-sorveljanza tas-suq ma' daww għall-prodotti armonizzati. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri jiffaċċjaw kostijiet rikorrenti addizzjonali totali skont l-Għażla 3 ta' **madwar EUR 6,7 miljun fis-sena** minħabba s-setgħat akbar fis-sorveljanza tas-suq ta' prodotti mhux sikuri, u kostijiet ta' darba għall-adattament u l-implimentazzjoni li huma moderati biss relattivament. Ma hemm l-ebda impatt ambjentali jew soċjali negattiv.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

L-SMEs u l-mikro-SMEs mhumie x eżentati mill-ebda obbligu previst skont l-għażla ppreferuta. Il-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti ma tippermettix reġimi "eħfef" għall-SMEs peress li prodott għall-konsumatur irid ikun sikur irrispettivament mill-karatteristiċi tal-katina tal-provvista tiegħu biex jintlaħaq l-oġettiv ġenerali tas-sikurezza tal-prodotti u tal-protezzjoni tal-konsumatur. Il-kostijiet totali għall-SMEs tal-UE fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-Għażla 3 huma stmati għal **EUR 111,1 miljun** (kostijiet ta' darba u rikorrenti). Fis-snin ta' wara, il-kostijiet rikorrenti jammontaw għal **madwar EUR 100 miljun għall-SMEs tal-UE**. L-iffrankar stmat tal-kostijiet, **ikkawżat minn tnaqqis fid-differenzi fl-implimentazzjoni nazzjonali u l-frammentazzjoni legali**, jammonta għal **EUR 34 miljun għall-SMEs tal-UE**. L-aktar setturi tan-negozju affettwati jkunu l-bejgħ online, il-produtturi ta' xi setturi tat-teknoloġija ġodda iżda mingħajr ma jkollhom impatt kbir fuq il-kompetittività tagħhom permezz ta' rekwiżiti armonizzati tal-UE.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-Istati Membri jiffaċċjaw kostijiet rikorrenti addizzjonali totali skont l-Għażla 3 ta' **madwar EUR 6,7 miljun fis-sena** iżda dawn għandhom jiġu kkompensati minn **tnaqqis fil-kostijiet tal-kura tas-saħħa** minħabba tnaqqis ta' prodotti mhux sikuri fis-suq. Barra minn hekk, l-iffrankar tal-kostijiet ta' **madwar EUR 0,7 miljun fis-sena jirriżulta mill-armonizzazzjoni tar-regoli tas-sorveljanza tas-suq għall-Istati Membri**. Din l-armonizzazzjoni se tiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni tal-inizjattiva mill-Istati Membri, peress li diġà huma familjari mar-regoli għal prodotti armonizzati.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-Għażla 3 ikollha impatti pożittivi fuq id-drittijiet fundamentali billi tiżgura livell ogħla ta' protezzjoni tal-konsumatur u protezzjoni ambjentali minħabba tnaqqis ta' prodotti mhux sikuri fis-suq tal-UE. Ir-rekwiżiti addizzjonali għan-negozji ma jaffettwawx il-libertà fundamentali tal-intrapriża u jidhru li huma proporzjonati mal-oġettiv ġenerali segwit. L-Għażla 3 għandha toħloq ukoll simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż amministrattiv billi tissimplifika l-proċedura ta' standardizzazzjoni u tnaqqas l-inċertezza legali (nuqqas ta' ċarezza ta' ċerti regoli sostantivi) u frammentazzjoni (regoli diverġenti tas-sorveljanza tas-suq għal kategoriji differenti ta' prodotti).

Proporzjonalità?

L-Għażla 3 tidher konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li d-daqs tal-problema identifikata huwa sinifikanti (preżenza għolja ta' prodotti għall-konsumatur mhux sikuri fis-suq tal-UE u detriment għoli relatat għall-konsumatur) u l-kostijiet assoċjati ma' din l-għażla huma limitati. **B'mod ġenerali, il-bilanċ ta' din l-għażla huwa pożittiv peress li ġġib magħha impatti pożittivi għall-konsumaturi u s-soċjetà u l-kostijiet għan-negozji jibqgħu baxxi f'perċentwal tal-fatturat tagħhom**. Barra minn hekk, l-għażla tar-Regolament bħala azzjoni tal-Unjoni hija koerenti mal-kisba sodisfaċenti tal-oġettiv li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u infurzar effettiv u uniformi fil-livell nazzjonali.

D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Minbarra l-monitoraġġ regolari, qed tiġi proposta evalwazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza, tar-rilevanza, tal-koerenza u tal-valur miżjud tal-UE ta' dan l-intervent leġiżlattiv ħames snin wara l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' din il-proposta, abbażi ta' indikaturi ewlenin predeterminati tal-progress.